**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors numru : 171/17 AL

**AB**
vs
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi r-rikorrenti hija debitament awtorizzata sabiex tintavola din il-kawza ghal divorzju f'isem ohta xy ai termini ta' prokura datata erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'A'.

Illi XY u CD kienu zzewwgu hawn Malta fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-

Registru Pubbliku ta' Malta - Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument 'B'.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi XY u CD sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech tal-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'C'.

Illi XY u CD rrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin.

Illi sal-lum ghaddew aktar minn seba' (7) snin mid-data li fiha XY u CD ilhom jghixu separatament minn xulxin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn XY u CD.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn C D u X Y u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament reġistrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat, prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ April 2017 u de facto separati ghal aktar minn seba’ snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.